

Brussell, 21 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

16327/22

ECOFIN 1374
STATIS 74
FIN 1384
UEM 360

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Diċembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 733 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/516 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-armonizzazzjoni tad-dħul nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 (ir-Regolament dwar id-DNG)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 733 final.

Mehmuż: COM(2022) 733 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.12.2022
COM(2022) 733 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/516 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-armonizzazzjoni tad-dħul nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 (ir-Regolament dwar id-DNG)

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) 2019/516 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-armonizzazzjoni tad-dħul nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 (ir-Regolament dwar id-DNG)¹ jistabbilixxi l-proċeduri biex tiġi ffaċilitata l-verifika, u fejn meħtieġ it-titjib, tal-komparabbiltà, l-affidabbiltà u l-eżawrjenza tal-istimi tal-Istati Membri tal-introjtu nazzjonali gross (ING). Ir-Regolament dwar id-DNG daħal fis-seħħ fit-18 ta' April 2019.

Fl-applikazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA 95) skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 2223/96², l-ING kien il-bażi għar-raba' riżorsa proprja tal-Komunitajiet mill-1 ta' Jannar 2002. L-ING issostitwixxa l-prodott nazzjonali gross (PNG), li ntuża biex tiġi vvalutata r-raba' riżorsa proprja għas-snin ta' qabel l-2002.

Fl-applikazzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA 2010) skont ir-Regolament (UE) Nru 549/2013³, l-ING kien il-bażi għar-raba' riżorsa proprja tal-baġit tal-UE mill-1 ta' Jannar 2014.

Il-predeċessuri tar-Regolament dwar id-DNG kienu d-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom⁴ (id-Direttiva PNG), u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003⁵, li t-tnejn li huma tħassru bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar id-DNG. Biex tivverifika u tivvaluta l-komparabbiltà, l-affidabbiltà u l-eżawrjenza tal-PNG, id-Direttiva PNG stabbiliet proċedura fil-Kumitat tal-PNG tagħha li fiha, l-Istati Membri u l-Kummissjoni kkooperaw mill-qrib mill-1989 sal-2003. Proċedura simili għall-verifika u għall-valutazzjoni tal-ING ġiet stabbilita mir-Regolament imħassar (KE, Euratom) Nru 1287/2003 fil-Kumitat ING tiegħu li fih l-Istati Membri u l-Kummissjoni kkooperaw mill-qrib mill-2004 sal-2019. Inkiseb livell tajjeb ta' affidabbiltà, komparabbiltà u eżawrjenza fir-rigward tad-*data* għall-użu għal skopijiet ta' riżorsi proprji.

Ir-Regolament dwar id-DNG jibni fuq u jaġġusta din il-proċedura biex jitqies l-ING għall-finijiet tar-riżorsi proprji. Dan jipprevedi grupp formali ta' esperti biex jassisti lill-Kummissjoni bil-proċeduri u l-kontrolli dwar il-kalkolu tal-ING għar-riżorsi proprji. Il-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjtju Nazzjonali Gross twaqqaf għal dan il-għan⁶.

Dan ir-rapport, kif meħtieġ mill-Artikolu 9 tar-Regolament dwar id-DNG, jiġbor fil-qosor il-progress li sar mill-Kummissjoni u mill-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjtju Nazzjonali Gross fir-rigward tal-armonizzazzjoni tal-ING u l-applikazzjoni tar-Regolament dwar id-DNG mid-dħul fis-seħħ tiegħu. Il-Kapitolu 2 jiddeskrivi l-miżuri li ttieħdu biex tiġi żgurata l-aderenza mad-definizzjoni u l-kalkolu tal-introjtu nazzjonali gross bil-prezzijiet tas-suq stabbiliti fir-Regolament dwar id-DNG. Il-Kapitolu 3 jiddeskrivi l-miżuri li ttieħdu biex tiġi żgurata t-trażmissjoni f'waqtha tad-*data* dwar l-ING u informazzjoni addizzjonali mill-Istati Membri lill-Kummissjoni. Il-Kapitolu 4 jiddeskrivi l-azzjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni biex tivverifika s-sorsi u l-metodi użati mill-Istati Membri biex jikkalkulaw l-ING. Il-Kapitolu 5 jislet konklużjonijiet dwar l-applikazzjoni tar-Regolament dwar id-DNG mid-dħul fis-seħħ tiegħu.

¹ ĠU L 91, 29.3.2019, p. 19.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità, ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1.

³ Ir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea, ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1.

⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom tat-13 ta' Frar 1989 dwar l-armonizzazzjoni u l-kompilazzjoni tal-prodott nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq, ĠU L 49, 21.2.1989, p. 26.

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003 tal-15 ta' Lulju 2003 fuq l-armonizzazzjoni tad-dħul gross nazzjonali bi prezzijiet tas-suq (Regolament GNI), ĠU L 181, 19.7.2003, p. 1.

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2019 li twaqqaf il-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar id-dħul nazzjonali gross, ĠU C 174, 21.5.2019, p. 5.

2. DEFINIZZJONI U KALKOLU TAL-INTROJTU NAZZJONALI GROSS BI PREZZIJET TAS-SUQ

L-Artikolu 1 tar-Regolament dwar id-DNG jipprevedi li l-ING u l-prodott domestiku gross (PDG) għandhom jiġu ddefiniti f'konformità mas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet 2010 (ESA 2010) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 549/2013.

Kif stipulat fl-Artikolu 1, l-Istati Membri jikkalkulaw il-PDG skont it-tliet approċċi: approċċ tal-produzzjoni, approċċ tan-nefqa u approċċ tal-introjtu. Fil-kalkolu tal-PDG, u fit-tranżizzjoni mill-PDG għall-ING, l-Istati Membri użaw il-kunċetti u d-definizzjonijiet tal-ESA 2010 mill-ewwel applikazzjoni ta' dan l-istandard kontabilistiku fl-2014.

L-ING b'applikazzjoni tal-ESA 2010 ġie vverifikat fiċ-ċiklu ta' verifika tal-ING 2016-2019. Iċ-ċiklu kien jinvolvi verifika mtejbja tat-tranżizzjoni mill-kunċetti tal-ESA 95 għal dawk tal-ESA 2010, inklużi kontrolli bir-reqqa tal-bidliet kunċettwali ewlenin individwali bejn iż-żewġ standards. Iċ-ċiklu ta' verifika 2016-2019 tlesta b'suċċess wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar id-DNG fl-2019.

Għaċ-ċiklu ta' verifika tal-ING 2020-2024, għadhom japplikaw l-istess kunċetti u definizzjonijiet (ESA 2010) f'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament dwar id-DNG.

Fir-rigward tal-adeqgatezza tad-*data* dwar l-ING għall-użu għal finijiet ta' riżorsi proprji fir-rigward tal-affidabbiltà, il-komparabbiltà u l-eżawrienza, japplikaw, fejn rilevanti, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 10b(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 609/2014⁷, speċjalment il-possibbiltà li titqiegħed riżerva fuq il-kwalità tad-*data* dwar l-ING dwar punti notifikati mill-Kummissjoni jew mill-Istat Membru.

3. IT-TRAŻMISSJONI TAD-DATA DWAR L-ING U INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

It-trażmissjoni annwali tad-data dwar l-ING u tar-rapporti dwar il-kwalità tad-data dwar l-ING

F'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament dwar id-DNG, l-Istati Membri jridu jikkalkulaw l-ING u jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat), qabel l-1 ta' Ottubru ta' kull sena, ċifri għall-aggregati tal-ING u l-komponenti tagħhom. Din l-iskadenza hija allinjata mad-data ta' skadenza għat-trażmissjoni ta' *data* annwali oħra tal-kontijiet nazzjonali fi ħdan il-programm ta' trażmissjoni tal-ESA 2010, li jiffaċilita t-tnejn tas-settijiet ta' *data* rilevanti kollha mill-Istati Membri.

L-Istati Membri jridu jipprovdu l-aggregati tal-ING u l-komponenti tagħhom, f'konformità mad-definizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament. Id-*data* trid tiġi trażmessa għas-sena preċedenti u kwalunkwe bidla li tkun saret fid-*data* tas-snin preċedenti għandha tiġi kkomunikata fl-istess mument. Dan ir-rekwiżit huwa rifless fil-mudelli tat-tabelli ta' trażmissjoni (kwestjonarji tal-ING) imħejjija mill-Eurostat qabel kull trażmissjoni annwali tad-*data*.

Kull sena, fil-laqgħa tar-rebbiegħa tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjt Nazzjonali Gross, jintlaħaq fehim dwar struttura komuni tal-kwestjonarju tal-ING li għandu jintuża mill-Istati Membri. Dan sabiex tiġi ffaċilitata l-provvista tad-*data* dwar l-ING tagħhom. L-Eurostat jibgħat lil kull Stat Membru mudell tal-kwestjonarju li jkun ġie miftiehem, filwaqt li jitlob ritorn f'waqtu tat-tabelli mimlija.

⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (Tfassil mill-ġdid) ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39.

Il-kwestjonarju jinkludi wkoll tabelli u formuli addizzjonali li jgħinu biex tiġi vverifikata l-konsistenza tad-*data* pprovduta u biex jiġu evitati jew identifikati żbalji possibbli. Barra minn hekk, il-kwestjonarju huwa akkumpanjat minn struzzjonijiet dettaljati dwar kif għandu jintela b'mod korrett. Dawn il-miżuri għenu ħafna biex tiġi armonizzata u mtejbja ulterjorment id-*data* ppreżentata mill-Istati Membri lill-Eurostat.

Ir-Regolament dwar id-DNG jobbliga wkoll lill-Istati Membri jibagħtu lill-Eurostat rapport annwali dwar il-kwalità tad-*data* dwar l-ING tagħhom (l-Artikolu 2(3)). L-għan ewlieni ta' dan ir-rapport huwa li jipprovdi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar il-bidliet li saru – mit-trażmissjoni preċedenti tal-ING – fir-rigward tas-sorsi u l-metodi użati għall-kompilazzjoni tal-aggregati tal-ING u l-komponenti tagħhom. Il-kontenut u l-format komuni ta' dan ir-rapport huma miftiehma wkoll fil-laqgħa tar-rebbiegħa tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjt Nazzjonali Gross. Din il-proċedura ilha fis-seħħ għal ħafna snin, u għalhekk ir-rapporti huma ġeneralment ta' kwalità tajba u jagħtu lill-Kummissjoni u lill-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjt Nazzjonali Gross l-informazzjoni ġenerali meħtieġa biex tiġi vvalutata d-*data* dwar l-ING tal-Istati Membri u r-reviżjonijiet tagħhom.

L-Istati Membri jittrażmettu d-*data* rilevanti fil-kwestjonarju tal-ING akkumpanjat minn rapport dwar il-kwalità tad-*data* dwar l-ING b'mezzi elettroniċi lill-punt uniku tad-dħul għad-*data* fl-Eurostat (permezz tal-pjattaforma ddedikata msejja EDAMIS).

Peress li r-Regolament dwar id-DNG huwa att legali b'rilevanza għaż-ŻEE, il-pajjiżi tal-EFTA⁸ jittrażmettu d-*data* dwar l-ING bl-istess mod bħall-Istati Membri tal-UE. Barra minn hekk, f'konformità mal-Ftehim dwar l-irtirar tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea⁹, il-liġi applikabbli tal-UE dwar ir-riżorsi proprji tal-UE relatata mas-snin finanzjarji sal-2020 tkompli tapplika għar-Renju Unit wara l-31 ta' Diċembru 2020, inkluż fejn ir-riżorsi proprji kkonċernati għandhom isiru disponibbli, jiġu kkorreġuti jew soġġetti għal aġġustamenti wara dik id-*data*. Għalhekk, ir-Renju Unit jittrażmetti wkoll id-*data* dwar l-ING għall-perjodu sal-2020 f'konformità mar-Regolament dwar id-DNG.

Fl-2019, il-pajjiżi kollha minbarra wieħed (Stat Membru tal-UE) bagħtu d-dikjarazzjonijiet tagħhom tal-ING għall-2019 qabel l-1 ta' Ottubru, f'konformità mal-iskadenza. L-aħħar Stat Membru bagħathom fl-1 ta' Ottubru.

Fl-2020, il-pajjiżi kollha minbarra wieħed (pajjiż tal-EFTA) bagħtu d-dikjarazzjonijiet tagħhom tal-ING għall-2020 qabel l-1 ta' Ottubru, f'konformità mal-iskadenza. L-aħħar pajjiż tal-EFTA bagħat il-kwestjonarju tiegħu tal-ING fil-15 ta' Ottubru u r-rapport tiegħu dwar il-kwalità fit-28 ta' Ottubru.

Fl-2021, it-32 pajjiż kollha bagħtu d-dikjarazzjonijiet tagħhom tal-ING għall-2021 qabel l-1 ta' Ottubru, f'konformità mal-iskadenza.

Fl-2022, it-32 pajjiż kollha ħlief wieħed (pajjiż tal-EFTA) bagħtu d-dikjarazzjonijiet tagħhom tal-ING għall-2022 qabel l-1 ta' Ottubru, f'konformità mal-iskadenza. L-aħħar pajjiż tal-EFTA bagħat biss il-kwestjonarju tal-ING f'konformità mal-iskadenza.

Inventarji tal-ING

Filwaqt li r-rapport dwar il-kwalità huwa maħsub biex jipprovdi aġġornament dwar il-bidliet fil-metodoloġija u d-*data* dwar l-ING ta' Stat Membru, rendikont dettaljat sħiħ tal-metodi u s-sorsi użati biex jiġu kkalkulati l-istimi finali tal-ING jingħata fl-inventarji tal-ING tas-sorsi u l-metodi użati biex jiġu prodotti l-aggregati tad-DNG u l-komponenti tagħhom. Dawn l-inventarji huma l-bażi għall-valutazzjoni tal-Eurostat tal-kwalità tad-*data* dwar l-ING tal-Istati Membri f'termini ta' komparabbiltà, affidabbiltà u eżawrjenza.

⁸ Il-Liechtenstein għandu deroga mill-implimentazzjoni tar-Regolament dwar id-DNG; madankollu, huwa jittrażmetti l-kwestjonarju annwali tal-ING.

⁹ Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU C 384 I, 12.11.2019, p. 1.

L-Artikolu 3 tar-Regolament dwar id-DNG jobbliga lill-Istati Membri jipprovdu lill-Eurostat b' inventarju tal-ING. Dan jistipula wkoll li l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, l-istruttura u l-arranġamenti dettaljati tal-inventarju, f'konformità mal-ESA 2010, u l-iskeda ta' żmien għall-aġġornament u t-trażmissjoni tiegħu. L-Artikolu 3 jistipula wkoll li l-atti ta' implimentazzjoni inkwistjoni ma jistgħux jimponu spejjeż addizzjonali sinifikanti peress li dawn jistgħu jirriżultaw f'piż sproporzjonat u mhux ġustifikat fuq l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-inventarju għandu jkun konsistenti mal-ESA 2010 u għandhom jiġu evitati d-duplikazzjoni u t-tagħbija żejda.

Dawn l-aspetti ġew indirizzati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1546¹⁰, li ġie adottat skont id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq, u fil-Gwida dwar l-Inventarju tal-ING li ġiet miftiehma mill-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjt Nazzjonali Gross. B'mod partikolari, fir-rigward tal-istruttura tal-inventarji, ir-Regolament (UE) 2020/1546 jispeċifika li dawn għandhom jikkonsistu f'10 kapitoli u t-tabelli tal-proċess tal-ING. Il-kapitoli individwali tal-inventarju jkopru l-kwistjonijiet li ġejjin:

- Kapitolu 1 Ħarsa ġenerali tas-sistema tal-kontijiet
- Kapitolu 2 Il-politika ta' reviżjoni u l-iskeda ta' żmien għar-reviżjoni u l-finalizzar tal-istimi. Reviżjonijiet maġġuri mill-aħħar verżjoni tal-Inventarju tal-ING
- Kapitolu 3 L-approċċ tal-produzzjoni
- Kapitolu 4 L-approċċ tal-introjt
- Kapitolu 5 L-approċċ tan-nefqa
- Kapitolu 6 Il-proċedura ta' bilanċjar jew ta' integrazzjoni, u l-validazzjoni tal-istimi
- Kapitolu 7 Ħarsa ġenerali lejn l-aġġustamenti għall-eżawrjenza
- Kapitolu 8 It-tranżizzjoni mill-prodott domestiku gross (PDG) għall-ING
- Kapitolu 9 Klassifikazzjonijiet ewlenin użati
- Kapitolu 10 Sorsi ta' *data* ewlenin użati

L-inventarji tal-ING jinkludu, bħala anness, it-tabelli tal-proċess li jagħtu informazzjoni numerika dwar ir-riżultati tal-istadji konsekuttivi kollha tal-proċess ta' kompilazzjoni tal-ING, mis-sorsi statistiċi, għal diversi aġġustamenti, sad-*data* finali tal-kontijiet nazzjonali. Dawn fihom ukoll informazzjoni numerika dwar id-daqs relattiv tat-tipi individwali ta' sorsi użati u l-aġġustamenti li saru f'dak il-proċess ta' kompilazzjoni, u referenzi għall-kapitoli rilevanti tal-Inventarju tal-ING.

Il-Gwida dwar l-Inventarju tal-ING, imfassla f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjt Nazzjonali Gross u li tirrifletti l-arranġamenti dettaljati stabbiliti fir-Regolament (UE) 2020/1546, tiddefinixxi l-istruttura dettaljata u r-rekwiżiti tal-kontenut tal-kapitoli individwali. Hija tagħti wkoll gwida lill-Istati Membri dwar kif għandu jinkiteb inventarju ta' kwalità tajba billi tenfasizza l-prinċipji u l-aspetti ewlenin li jeħtieġu attenzjoni partikolari f'dak il-proċess. Tinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar l-għażla tas-sena ta' referenza u dwar is-sottomissjoni u l-aġġornamenti sussegwenti tal-inventarju tal-ING.

Fit-tfassil tal-Gwida dwar l-Inventarju tal-ING, ingħatat attenzjoni xierqa lill-ħtieġa li jiġu evitati d-duplikazzjoni u t-tagħbija żejda fid-deskrizzjoni, u l-użu, tat-termini u d-definizzjonijiet tal-ESA 2010. Barra minn hekk, l-aġġornament tal-Gwida għaċ-ċiklu ta' verifika tal-ING tal-2020-2024

¹⁰ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1546 tat-23 ta' Ottubru 2020 li jistabbilixxi l-istruttura u l-arranġamenti dettaljati tal-inventarju tas-sorsi u l-metodi użati għall-produzzjoni tal-aggregati tal-introjt nazzjonali gross u l-komponenti tagħhom skont is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA 2010), ĠU L 354, 26.10.2020, p. 1.

introduċa biss bidliet limitati, fejn tqies li kien meħtieġ li jiġu mmodifikati r-rekwiżiti eżistenti jew li tingħata gwida addizzjonali.

L-iskadenza għat-trażmissjoni tal-Inventarju tal-ING skont ir-Regolament (UE) 2020/1546 kienet il-31 ta' Diċembru 2021. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kienu bagħtu l-inventarju tal-ING tagħhom sa din l-iskadenza. Il-Kummissjoni poġġiet riżerva ġenerali fuq ħames Stati Membri minħabba li l-Inventarju tal-ING intbaġħat tard. Għal erbgħa minn dawn l-Istati Membri, ir-riżerva ġenerali sussegwentement tneħħiet wara s-sottomissjoni tal-inventarji rispettivi tagħhom tal-ING.

Direttament wara t-trażmissjoni tal-inventarji u tat-tabelli tal-proċess tal-ING, l-Eurostat wettaq analiżi ġenerali inizjali tal-kompletezza tagħhom u tal-konsistenza tagħhom bħala parti mill-eżerċizzju tal-valutazzjoni tar-riskju tal-ING. Din il-verifika ma żvelat l-ebda nuqqas kbir li jxekkel il-verifiki dettaljati tal-inventarji tal-ING matul iċ-ċiklu tal-2020-2024.

Peress li l-proċeduri u l-istatistika bażika għall-kompilazzjoni tad-*data* finali dwar il-PDG u l-ING ma jinbidlux b'mod sinifikanti minn sena għal sena, iżda biss matul reviżjonijiet maġġuri f'intervalli itwal, ma huwiex meħtieġ li l-inventarji tal-ING jinkitbu mill-ġdid kull sena. Ir-Regolament (UE) 2020/1546 jispeċifika li l-aġġornamenti sussegwenti tal-inventarju tal-ING għandhom isiru u jiġu trażmessi lill-Eurostat fi żmien 12-il xahar wara kwalunkwe bidla maġġuri fis-sorsi jew fil-metodi għall-kompilazzjoni tal-ING. Fi kwalunkwe każ, l-Inventarju tal-ING għandu jiġi aġġornat tal-anqas kull ħames snin.

4. PROĊEDURI U KONTROLLI FUQ IL-KALKOLU TAL-ING

Grupp ta' Esperti dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross

F'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament dwar id-DNG, il-Kummissjoni trid tistabbilixxi grupp ta' esperti formali, magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri kollha u mmexxi minn rappreżentant tal-Kummissjoni. Dan il-grupp ta' esperti jservi:

- biex jagħti pariri lill-Kummissjoni, u biex jesprimi l-fehmiet tiegħu, dwar il-komparabbiltà, l-affidabbiltà u l-eżawrjenza tal-kalkoli tal-ING;
- biex jeżamina kwistjonijiet ta' implimentazzjoni tar-Regolament; u
- biex joħroġ opinjonijiet annwali dwar l-adeqgatezza tad-*data* dwar l-ING ippreżentata mill-Istati Membri għal finijiet ta' riżorsi proprji.

Ftit wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar id-DNG, il-Kummissjoni adottat, fis-17 ta' Mejju 2019, deċiżjoni dwar l-istabbiliment tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar l-introjtu nazzjonali gross¹¹. Il-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross iltaqa' għall-ewwel darba f'Mejju 2019 u adotta r-regoli tal-proċedura tiegħu. Il-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross ilu minn dak iż-żmien jiltaqa' regolarment darbtejn fis-sena, fir-rebbiegħa u fil-ħarifa. Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar id-DNG, il-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross iltaqa' tmien darbiet (sa Novembru 2022) għal-laqgħat regolari tiegħu. Il-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross kellu wkoll tliet laqgħat *ad hoc* relatati mal-kwistjoni tal-globalizzazzjoni.

Il-Kummissjoni (Eurostat) tista' tistabbilixxi sottogrupperi tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross sabiex jiġu eżaminati mistoqsijiet speċifiċi relatati mal-ING abbażi tat-termini ta' referenza ddefiniti mill-Kummissjoni.

F'Novembru 2019, l-Eurostat stabbilixxa sottogrupp dwar il-frodi tal-VAT b'negozjant nieqes. Is-sottogrupp għandu l-għan li jiskambja l-prattiki, jiddiskuti s-sorsi u l-metodi, u jħejji rakkomandazzjonijiet bil-ħsieb li tiġi żgurata ulterjorment il-komparabbiltà fl-indirizzar tal-frodi tal-

¹¹ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2019 li twaqqaf il-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar id-dħul nazzjonali gross (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.) C/2019/3651. ĠU C 174, 21.5.2019, p. 5-8.

VAT b'negozjant nieqes. Il-ħidma ta' dan is-sottogrupp twettqet f'Novembru 2020 permezz tal-approvazzjoni tar-rapport finali tiegħu mill-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross.

F'Ġunju 2020, l-Eurostat stabbilixxa sottogrupp dwar l-eżawrjenza. Dan is-sottogrupp għandu l-għan li jeżamina kwistjonijiet speċifiċi fil-qasam tal-eżawrjenza biex jiżgura ulterjorment l-eżawrjenza tad-*data* dwar l-ING, jiskambja prattiki, u jiżviluppa linji gwida prattiċi bil-ħsieb li tiġi żgurata aktar il-komparabbiltà tal-aġġustamenti tal-eżawrjenza. Il-ħidma ta' dan is-sottogrupp għadha għaddejja u hija pplanata li tiġi ffinalizzata fl-2023.

Opinjoni formali dwar l-adeqwatezza tad-data dwar l-ING għal skopijiet ta' riżorsi proprji

L-Artikolu 4 tar-Regolament dwar id-DNG jispeċifika wkoll li l-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross għandu jgħid opinjonijiet annwali dwar l-adeqwatezza tad-*data* dwar l-ING sottomessa mill-Istati Membri għall-iskop tar-riżorsi proprji. Għal dan il-għan, dokument imfassal mill-Eurostat li jinkludi d-*data* dwar l-ING mibgħuta u r-rapporti sommarji dwar il-kwalità jiġi ppreżentat lill-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross biex jiġi eżaminat fil-laqgħat tal-ħarifa tiegħu. Fl-anness tal-opinjoni, l-Eurostat jippreżenta f'forma konċiża xi informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva dwar ir-riżultati ewlenin tal-verifika.

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar id-DNG, il-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross adotta b'suċċess kull sena l-opinjoni li tikkonferma li d-*data* ppreżentata fil-kwestjonarji tal-ING mill-Istati Membri u mir-Renju Unit hija xierqa għal skopijiet ta' riżorsi proprji. Ladarba tiġi stabbilita l-adeqwatezza tad-*data*, l-opinjoni, flimkien mad-*data*, tintbagħat lid-DG Baġit. Dan il-proċess qiegħed jiffunzjona mingħajr xkiel, u ppermetta lid-DG Baġit jikkalkula fi żmien xieraq il-kontribuzzjonijiet baġitarji ta' kull pajjiż skont ir-riżorsa proprja tal-ING.

Mudell ta' verifika

Is-sorsi u l-metodi użati mill-Istati Membri għall-kalkolu ttal-ING – kif deskritti fl-inventarji tal-ING – għandhom jiġu vverifikati mill-Kummissjoni (Eurostat) skont mudell ta' verifika. L-Artikolu 5 tar-Regolament dwar id-DNG jistipula li l-mudell għandu jitfassal mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross. Tali mudell għaċ-ċiklu ta' verifika tal-ING 2020-2024, ibbażat fuq dak li ntuża b'suċċess fiċ-ċiklu ta' verifika tal-ING 2016-2019, ġie żviluppat mill-Eurostat u approvat mill-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross fil-laqgħat tiegħu fl-2020 u fl-2021. L-elementi rilevanti kollha tiegħu huma deskritti fid-dokumenti ta' qafas li jikkostitwixxu l-mudell¹².

Minbarra d-dokument GNIG/121 “Outline of the verification model for GNI for own resources” li jiddeskrivi l-mudell kollu, tħejjew id-dokumenti ta' qafas li ġejjin għaċ-ċiklu ta' verifika tal-ING 2020-2024:

- Gwida tal-Inventarju tal-ING ESA 2010 - Linji Gwida għall-kitba tal-Inventarju tal-ING ESA 2010 u għall-kompilazzjoni tat-tabelli tal-proċess tal-ING (GNIG/068 Rev. 1);
- Kwistjonarju ta' Valutazzjoni tal-Inventarju tal-ING (GIAQ) (GNIG/099);
- Linji gwida għall-eżerċizzju ta' Verifika Diretta fil-qafas tal-verifika tal-inventarji tal-ING tal-Istati Membri (GNIG/100);
- Nota dwar ir-riżervi tal-ING (GNIG/101);
- Nota dwar il-limitu tal-materjalità (GNIG/102);
- Linji gwida dwar id-dokumentazzjoni (GNIG/122); u

¹² Id-dokumenti ta' qafas huma disponibbli fuq is-sit pubbliku tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross: <https://circabc.europa.eu/ui/group/7eb29b7b-33b0-4c9f-851b-e370277bb9e5>.

- Mudell ta' valutazzjoni tar-riskju għall-verifika tal-ING għal skopijiet ta' riżorsi proprji (GNIG/130).

Il-mudell jinkludi verifika annwali tad-*data* mibgħuta fil-kwestjonarji tal-ING u r-rapporti dwar il-kwalità, u verifika pluriennali tas-sorsi u l-metodi statistiċi użati għall-kalkolu tal-ING.

Il-parti annwali tal-proċess ta' verifika tikkonsisti fil-verifika tad-*data* mibgħuta fil-kwestjonarji tal-ING u fir-rapporti dwar il-kwalità. Il-kwestjonarji tal-ING jiġu vverifikati mill-Eurostat għal, fost l-oħrajn, il-korrettezza formali u numerika tat-tabelli mibgħuta, il-konsistenza tad-*data* maż-żmien u l-konsistenza tagħha maċ-ċifri ppubblikati tal-kontijiet nazzjonali. Ir-reviżjonijiet deskritti fir-rapport dwar il-kwalità huma vverifikati fir-rigward, fost l-oħrajn, tal-plawżibbiltà, tal-kwalità tas-sorsi u tal-metodi użati, tar-rikonċiljazzjoni tar-reviżjoni totali meta mqabbla mar-reviżjonijiet individwali, u tal-konsistenza ma' bidliet imħabbra qabel. L-Istati Membri jistgħu jintalbu jipprovdu kwalunkwe kjarifika dwar id-*data* u dwar ir-rapport dwar il-kwalità u jibagħtu l-korrezzjonijiet. Dan il-proċess iwassal għall-adozzjoni mill-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjt Nazzjonali Gross tal-opinjoni msemmija hawn fuq dwar l-adegwatezza tad-*data* dwar l-ING għal skopijiet ta' riżorsi proprji.

Il-parti pluriennali tal-proċess ta' verifika tikkonsisti fil-verifika tas-sorsi u l-metodi statistiċi użati għall-kalkolu tal-ING. Dan isir b'mod armonizzat għall-Istati Membri kollha, u jitwettaq f'ċikli ta' verifika pluriennali li jiżguraw qafas ta' verifika strutturat u koerenti. L-istadji ewlenin taċ-ċiklu, wara t-tnejn tas-sett tad-dokumenti ta' qafas, huma: is-sottomissjoni tal-inventarji tal-ING u t-tabelli tal-proċess; valutazzjoni tar-riskju; "desk checks" tal-inventarji u t-tabelli tal-proċess; tqabbil bejn il-pajjiżi ta' kwistjonijiet trażversali; żjarat ta' informazzjoni dwar l-ING; verifiki diretti; it-tqegħid ta' punti ta' azzjoni; u riżervi.

L-inventarji tal-ING u t-tabelli tal-proċess huma d-dokumenti ta' referenza ewlenin użati fl-istadji kollha tal-proċess ta' verifika pluriennali, u l-Eurostat jiċċekkjahom billi juża l-Kwestjonarju ta' Valutazzjoni tal-Inventarju tal-ING approvat mill-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjt Nazzjonali Gross, u billi jwettaq verifiki diretti ta' oqsma ta' kompilazzjoni magħżula. Il-kwestjonarju huwa għodda komprensiva ta' verifika u dokumentazzjoni. L-istruttura tiegħu hija allinjata mill-qrib ma' dik tal-Gwida dwar l-Inventarju tal-ING. Il-kwestjonarju huwa ffukat l-aktar fuq il-verifika tal-konformità tas-sorsi u l-metodi deskritti mar-rekwiżiti tal-ESA 2010, il-leġiżlazzjoni relatata u l-linji gwida metodoloġiċi. Dawn l-għodod servew l-iskop tagħhom sew matul is-snin, u żguraw analiżi sistematika, konsistenti u għusta tal-inventarji tal-ING u tat-tabelli tal-proċess.

Xi oqsma tal-kontijiet nazzjonali - kif identifikati fil-valutazzjoni tar-riskju - jitqiesu bħala ta' riskju għoli għall-Istati Membri kollha. Huma jeħtieġu analiżi komparattiva dettaljata tas-soluzzjonijiet applikati mill-pajjiżi. F'xi każijiet, jistgħu jeħtieġu wkoll ftehim dwar aspetti kunċettwali fil-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjt Nazzjonali Gross. Dawn il-kwistjonijiet jiġu vverifikati b'mod uniformi fil-pajjiżi kollha permezz ta' paraguni bejn il-pajjiżi. Fiċ-ċiklu ta' verifika tal-2016-2019, l-Eurostat lesta programm estensiv ta' paraguni bejn il-pajjiżi għal għadd ta' kwistjonijiet trażversali. Dan kopra kwistjonijiet bħall-eżawrjenza, l-ibbilanċjar tal-PDG, is-servizzi tal-abitazzjoni, is-servizzi finanzjarji (inklużi s-servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja mkejla indirettament), il-produzzjoni globali, il-bilanċ tal-pagamenti, u l-bidliet bejn l-ESA 95 u l-ESA 2010. It-tqabbil bejn il-pajjiżi dwar l-eżawrjenza, il-produzzjoni globali u l-bilanċ tal-pagamenti, u l-bidliet bejn l-ESA 95 u l-ESA 2010 ġew suddiviżi ulterjorment f'oqsma aktar dettaljati. B'kollox, saru 16-il paragon bejn il-pajjiżi u kkontribwew għal assigurazzjoni akbar dwar il-kwalità tas-sorsi u l-metodi użati għall-kompilazzjoni tal-oqsma rispettivi. Fiċ-ċiklu ta' verifika tal-2020-2024 qed jitwettqu żewġ analiżijiet oħra bejn il-pajjiżi.

Ir-Regolament dwar id-DNG jipprevedi li l-mudell ta' verifika tal-ING għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji ta' rieżami bejn il-pari u l-kosteffettività. Konsegwentement, dawn huma l-prinċipji ewlenin segwiti fil-ħidma ta' verifika tal-ING u jiġu applikati matul il-proċess kollu ta' verifika.

Ir-rieżami bejn il-pari fil-verifika tal-ING jintwera permezz tal-involvement attiv tal-Istati Membri fil-ħidma ta' verifika, kemm fil-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjt Nazzjonali Gross kif ukoll permezz tal-parteċipazzjoni fiż-żjarat ta' informazzjoni tal-ING. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-prinċipju tar-rieżami bejn il-pari, l-Eurostat żgura t-trasparenza tal-proċess ta' verifika billi għamel id-

dokumentazzjoni rilevanti kollha disponibbli għall-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross. Din tinkludi l-inventarji tal-ING u t-tabelli tal-proċess u l-eżiti kollha tal-proċess ta' verifika f' termini ta' rapporti taż-żjarat u punti ta' azzjoni, lista ta' kwistjonijiet mhux materjali identifikati, rapporti ta' progress u rapporti finali dwar kwistjonijiet trażversali vverifikati permezz ta' paraguni bejn il-pajjiżi, is-sitwazzjoni attwali dwar ir-riżervi, u (għaċ-ċiklu ta' verifika tal-ING tal-2020-2024) l-ittri kollha li jstabbilixxu u jneħħu r-riżervi tal-ING.

Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kosteffettività, din timmaterjalizza fil-mudell ta' verifika tal-ING b' mod doppju; l-ewwel nett, permezz tal-użu tal-valutazzjoni tar-riskju u, it-tieni, bl-applikazzjoni ta' limitu ta' materjalità. Ġie żviluppat mudell komprensiv ta' valutazzjoni tar-riskju għall-verifika tal-ING għal skopijiet ta' riżorsi proprji f' kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross u approvat minnu. Dan jirriżulta fl-istrutturar tal-proċess ta' verifika u l-konċentrazzjoni tal-attivitajiet ta' verifika fuq l-oqsma li juru livell relattivament għoli ta' riskju. Hija l-fehma tal-Kummissjoni li l-użu ta' din l-għodda ssimplifika l-proċess u għamlu aktar kosteffettiv.

Meta jiġu vvalutati d-daqs u s-sinifikat potenzjali ta' attivitajiet jew tranżazzjonijiet speċifiċi, il-prinċipju tal-kosteffettività jinvolvi l-applikazzjoni ta' limitu ta' materjalità. Il-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross approva limitu ta' 0,1 % tal-ING li għandu jintuża għal dan il-għan. Il-limitu ta' materjalità jitqies matul il-proċess kollu ta' verifika, iżda dan jiġi fuq quddiem meta jiġu stabbiliti u jitneħħew il-punti ta' azzjoni u r-riżervi.

Atti delegati u atti ta' implimentazzjoni

L-Artikolu 5 tar-Regolament dwar id-DNG jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati li jiddefinixxu l-lista ta' kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati f' kull ċiklu ta' verifika biex jiġu żgurati l-affidabbiltà, l-eżawrjenza u l-oġhla grad possibbli ta' komparabbiltà tad-*data* dwar l-ING, f' konformità mal-ESA 2010. Barra minn hekk, il-Kummissjoni trid tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, miżuri speċifiċi biex id-*data* dwar l-ING issir aktar komparabbli, affidabbli u eżawrjenti, abbażi ta' dik il-lista ta' kwistjonijiet.

Il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat (UE) 2020/2147¹³ li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/516 billi jiddefinixxi l-lista ta' kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati f' kull ċiklu ta' verifika. Is-suġġetti li ġejjin huma elenkati:

- definizzjoni tat-territorju ġeografiku;
- il-prinċipji ta' stima tas-servizzi tal-abitazzjoni;
- it-trattament tal-iżborżi tal-VAT;
- miżuri dwar l-eżawrjenza; u
- t-trattament tal-VAT mhux miġbura.

Dawn il-kwistjonijiet tqiesu kif xieraq fil-mudell ta' verifika peress li l-aspetti rilevanti tagħhom ġew ittrattati kif xieraq fid-dokumenti ta' qafas (eż. fil-Gwida dwar l-Inventarju tal-ING, il-Kwestjonarju dwar il-Valutazzjoni tal-Inventarju tal-ING, u l-mudell tal-valutazzjoni tar-riskju).

Abbażi tal-lista ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni li ġejjin, miżuri speċifiċi biex id-*data* dwar l-ING issir aktar komparabbli, affidabbli u eżawrjenti għall-ewwel tliet kwistjonijiet:

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1947 dwar id-definizzjoni tat-territorju ġeografiku tal-Istati Membri¹⁴;

¹³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2147 tat-8 ta' Ottubru 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/516 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jiddefinixxi l-lista ta' kwistjonijiet li jridu jiġu indirizzati f' kull ċiklu ta' verifika (Test b' rilevanza għaż-ŻEE). ĠU L 428, 18.12.2020, p. 9.

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1949 dwar il-prinċipji għall-istima tas-servizzi tal-abitazzjoni¹⁵; u
- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1948 dwar it-trattament tar-rimborż tal-VAT lil persuni mhux taxxabbli u lil persuni taxxabbli għall-attivitàjiet eżentati tagħhom¹⁶.

L-atti ta' implimentazzjoni għaż-żewġ kwistjonijiet li jifdal (miżuri dwar l-eżawrjenza, it-trattament tal-VAT mhux miġbur) qed jitħejjew.

Żjarat ta' informazzjoni relatati mal-ING

L-Artikolu 6 tar-Regolament dwar id-DNG jistipula li ż-żjarat ta' informazzjoni relatati mal-ING jistgħu, fejn jitqies xieraq, jitwettqu fl-Istati Membri¹⁷ mill-Kummissjoni (Eurostat). L-għan taż-żjarat ta' informazzjoni relatati mal-ING huwa l-verifika tal-kwalità tal-aggregati tal-ING u l-komponenti tagħhom u l-verifika tal-konformità mal-ESA 2010. Għal dan il-għan, iż-żjarat għandhom l-għan li jiġbru informazzjoni addizzjonali li hija meħtieġa biex jiġu identifikati n-nuqqasijiet possibbli tal-Inventarju tal-ING jew tas-sorsi u l-metodi statistiċi użati għall-kalkolu tal-ING u l-komponenti tiegħu. Iż-żjarat ta' informazzjoni relatati mal-ING jistgħu jinkludu wkoll verifiki diretti ta' partijiet mill-kompilazzjoni tal-ING. L-oġettivi ewlenin ta' verifika diretta huma li jiġi vverifikat jekk id-deskrizzjoni tas-sorsi u tal-metodi fl-Inventarju tal-ING tirriflettix b'mod adegwat il-prattika ta' kompilazzjoni li fil-fatt ġiet applikata, u jekk id-*data* bażika kif murija fis-sorsi ġiet trasformata b'mod xieraq fiċ-ċifri tal-kontijiet nazzjonali pprovduti mill-Istati Membri għar-riżorsa proprja tal-ING. Ir-riżultat ta' żjara ta' informazzjoni relatata mal-ING huwa rapport (ippreżentat mill-Eurostat lill-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross) b'punti ta' azzjoni għall-Istat Membru biex jintroduċu bidliet metodoloġiċi, jikkoreġu żbalji ta' kompilazzjoni jew biex jiċċaraw jew jissupplimentaw l-informazzjoni li tinsab fl-Inventarju tal-ING.

L-għadd minimu ta' żjarat relatati mal-ING ipplanati fi Stat Membru partikolari matul ċiklu ta' verifika huwa bbażat fuq ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju. Bħala regola, issir mill-inqas żjara waħda ta' informazzjoni relatata mal-ING f'kull Stat Membru matul iċ-ċiklu ta' verifika.

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar id-DNG fit-18 ta' April 2019, l-Eurostat wettaq (sa Ottubru 2022) 19-il żjara ta' informazzjoni relatata mal-ING fl-Istati Membri u fir-Renju Unit. Dan twettaq minkejja ċirkostanzi diffiċli relatati mal-pandemija tal-COVID-19, bis-saħħa ta' kooperazzjoni tajba ħafna mal-Istati Membri. L-Eurostat sistematikament stieden lill-esperti tal-kontijiet nazzjonali li jirrappreżentaw lill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika ta' Stati Membri oħra biex jieħdu sehem fiż-

¹⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1947 tal-10 ta' Novembru 2021 dwar id-definizzjoni tat-territorju ġeografiku tal-Istati Membri għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2019/516 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tad-dħul nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq (ir-Regolament dwar id-DNG) u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/450/KEE, Euratom u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 109/2005 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE). ĠU L 398, 11.11.2021, p. 1.

¹⁵ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1949 tal-10 ta' Novembru 2021 dwar il-prinċipji għall-istima tas-servizzi tal-abitazzjoni għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2019/516 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tad-dħul (introjtu) nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq (Regolament ING) u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/309/KE, Euratom u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1722/2005 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE). ĠU L 398, 11.11.2021, p. 6.

¹⁶ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1948 tal-10 ta' Novembru 2021 dwar it-trattament tar-rimborż tal-VAT lil persuni mhux taxxabbli u lil persuni taxxabbli għall-attivitàjiet eżentati tagħhom għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2019/516 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tad-dħul (introjtu) nazzjonali gross bi prezzijiet tas-suq (Regolament ING) u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/622/KE, Euratom u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 116/2005 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE). ĠU L 398, 11.11.2021, p. 4.

¹⁷ Iż-żjarat ta' informazzjoni relatati mal-ING jistgħu jsiru wkoll fil-pajjiżi tar-Renju Unit u tal-EFTA.

żjarat relatati mal-ING. Konsegwentement, 11 mid-19-il żjara kienu jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' esperti tal-kontijiet nazzjonali minn Stati Membri oħra, li kkontribwew għat-twettiq tal-prinċipju tar-rieżami bejn il-pari li jirregola l-proċess ta' verifika tal-ING.

Eżami tal-verifiki tal-Kummissjoni mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Il-ħidma tal-Kummissjoni rigward il-verifika tad-*data* dwar l-ING tal-Istati Membri ġiet eżaminata bir-reqqa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fuq bażi annwali. Barra minn hekk, hemm rapporti speċjali dwar il-prestazzjoni relatati mal-verifiki pluriennali. Rendikont dettaljat tal-attivitajiet tal-Qorti fir-rigward tal-ING għar-riżorsi proprji jista' jinstab fir-rapporti annwali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE.

5. KONKLUŻJONIJIET

L-introjtu nazzjonali gross jikkostitwixxi l-bażi għall-kalkolu tal-akbar sehem tar-riżorsi proprji fil-baġit ġenerali tal-UE, u l-applikazzjoni xierqa tar-Regolament dwar id-DNG hija ta' importanza kbira f'dak il-kuntest. Madankollu, l-applikazzjoni korretta tad-definizzjonijiet u r-regoli kontabilistiċi tal-ESA 2010, li hija prerekwiżit għad-*data* dwar l-ING ta' kwalità għolja, hija essenzjali għall-kwalità tal-kontijiet nazzjonali kollha kemm huma. Għalhekk, l-assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà, il-komparabbiltà u l-eżawrjenza tad-*data* dwar l-ING miksuba mill-verifika mwettqa mill-Kummissjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar id-DNG, tikkontribwixxi għal analiżijiet ekonomiċi aktar b'saħħithom u għal tfassil ta' politika ekonomika infurmata aħjar abbażi tad-*data* tal-kontijiet nazzjonali.

Il-mudell ta' verifika attwali tal-ING għar-riżorsi proprji huwa bbażat ħafna fuq il-proċeduri introdotti fil-passat fl-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1287/2003. Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2019/516, il-mudell ta' verifika ġie żviluppat ulterjorment, filwaqt li tqiesu d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament dwar id-DNG, inklużi dawk relatati mal-prinċipji tar-rieżami bejn il-pari u l-kosteffettività, u billi saret kapitalizzazzjoni fuq il-kisbiet taċ-ċikli ta' verifika preċedenti tal-ING. B'riżultat ta' dan, ġie stabbilit qafas ta' verifika formalizzat li jiżgura proċess ta' verifika rigoruż u komprensiv, iżda flessibbli.

Ittieħdu wkoll azzjonijiet biex tiġi żgurata t-trażmissjoni f'waqtha u armonizzata tad-*data* dwar l-ING u biex tittejjeb u tiġi aġġornata d-dokumentazzjoni tal-metodi u tas-sorsi użati għall-kalkolu tal-ING u tal-komponenti tiegħu.

Permezz ta' dawn il-miżuri, sar progress tajjeb fl-eżami u fil-kontrolli tal-kalkoli tal-ING, kemm f'verifiki annwali kif ukoll f'dawk pluriennali.

Ġew adottati l-atti delegati u ta' implimentazzjoni rilevanti meħtieġa mir-Regolament. Għaddejja ħidma biex jitqiesu kwistjonijiet potenzjali oħra ħalli jkomplu jittejjbu l-komparabbiltà, l-affidabbiltà u l-eżawrjenza tad-*data* dwar l-ING.

Il-Kummissjoni stabbiliet riżorsi sinifikanti biex tiżgura l-implimentazzjoni xierqa tar-Regolament dwar id-DNG. L-applikazzjoni bla xkiel tar-Regolament kienet possibbli wkoll bis-saħħa tal-kooperazzjoni tajba ħafna bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Dan intwera matul il-ħidma tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjt Nazzjonali Gross li ġie stabbilit biex jassisti lill-Kummissjoni fl-eżami ta' kwistjonijiet ta' implimentazzjoni tar-Regolament dwar id-DNG, iżda wkoll fiż-żjarat ta' informazzjoni relatati mal-ING.

Fis-snin li ġejjin, il-Kummissjoni u l-Grupp ta' Esperti dwar l-Introjt Nazzjonali Gross se jkomplu bl-isforzi tagħhom biex iżommu l-kwalità għolja, u biex itejbu aktar il-komparabbiltà, l-affidabbiltà u l-eżawrjenza, tad-*data* dwar l-ING.